IX-XGHAJRA

Minuti tal-Laqgħa Nru16 (sittax) tad-disa’ (9) legislatura, tal-Kunsill Lokali x-Xgħajra li saret fil-bini amministrattiv tal-Kunsill Lokali nhar it- Tnejn 29 ta’ Settembru, 2025, fil-5.00pm

| | |
|---|---|
| **Preżenti:** | Il-Membri |
| Is-Sindku | Neil Attard |
| Viċi Sindku | Michael Mifsud |
| Il- Kunsillier | Mary Doris Borg |
| | Raymond Duncan |
| | Antonia Buttigieg |
| **L-Uffiċjal** | |
| Is-Segretarju Eżekuttiv | Ranier Busuttil |

Is-Sur Neil Attard ippresedja l-laqgħa.

**16.1. Item Nru 16.1 fuq l-Aġenda –Attendenza u apoloġiji.**

16.1.1 Il-Laqgħa bdiet fil-5.10pm u kulħadd kien preżenti

**16.2 Item Nru. 16.2 fuq l-Aġenda – Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti;**

16.2.1 Il-Minuti ittieħdu moqrija u kien hemm dawn il-korrezzjonijiet.

Minuta 15.3.1 tiżdied “Is-Sindku tkellem”

Minuta 15.3.1 ir-raba paragrafu minflok “hu qal” tinbidel għal “Raymond Camilleri qal”

Minuti 15.3.7 mal-kelma “bankijiet” tiżdied ukoll “tax-xatt”

Wara din il-korrezzjoni il-Minuti ġew approvati unanimament.

**16.3 Item Nru. 16.3 fuq l-Aġenda - Komunikazzjoni mis-Sindku**

16.3.1 Is-Sindku qal li dwar l-art tal-football kien hemm żviluppi u wara li intervjena l-Prim Minisitru l-art ser terġa tingħata lura lill-Kunsill Lokali.

16.3.2 Is-Sindku tkellem fuq id-delagazzjonijiet li kellna u rringrazzja lil min ta sehmu. Id-delegazzjonijiet kienu kuntenti u sodisfatti bl-ospitalita li tajnihom. Is-Sindku qal issa l-laqgħat li jmiss ser isiru fis-Slovenia u minn Malta ser jitla grupp ta' 21 ruħ. Id-dati ser ikunu bejn l-20 u 22 t' Ottubru, 2025. Il-Kunsill diġà xtara l-biljetti tal-ajru permezz tas-Segretarju bit-titjira Ryanair li ser tinkludi wkoll l-insurance. Dawn l-ispejjeż ser jiġu rifonduti lura mil-EU. Meta mmorru slovenia l-ispejjeż tal-lukanda u ikel kif ukoll trasport ser ikun kopert mil-istess proġett.

Il-Kunsill qabel li nippreparaw tokens u plakka mil-Kunsill kif ukoll xi coasters ta' Malta u materjal promozzjonali mil-Visit Malta.

16.3.3 Is-Sindku qal li iċ-ċnut ta' fejn il-latrina kif ukoll ta' fejn il-monument saritilhom il-manutenzjoni meħtieġa grazzi għall-ħaddiema assenjati.

16.3.4 Is-Sindku qal li nhar id-19 t' Ottubru ser tittella attività b'kollaborazzjoni max-Xgħajra Scouts group fil-Batterija Delle Grazie għal familja kollha fejn ser ikun hemm logħob, ikel u xorb u obstacle races. L-ispejjeż ser ikunu koperti b'fondi mir-Regjun Port u l-istima hija dik ta' €5,000. Ser inkunu qed inqassmu leaflet lit-tfal kollha tax-Xgħajra.

16.3.5 Is-Sur Attard qal li Sqaq ix-Xatt kellu jsir xogħol ta' konkos però għadu ma sarx.

16.3.6 Is-Sindku qal li l-attivita ta' Kemmuna saret ukoll l-għada tal-Festa u kienet suċċess il-Kunsill kif tkellimna fil-laqgħa preċedenti ser ikun qed iħallas it-trasport sal-lanċa u lura.

16.3.7 Is-Sindku qal li għal Halloween ser terġa ssir l-attivita ta' *trick or treat* li ta' kull sena qed iżżid il-popolarità.

**16.4 Item Nru 16.4 fuq l-Aġenda – Tweġibiet għall-mistoqsijiet tal-Kunsilliera**

16.4.1 Is-Sur Michael Mifsud qalli għandu ilmenti minn ġenituri dwar il-parti d-dejqa ta' Triq Dwardu Ellul int u ddur minn Triq l-Iskola. Dawn il-ġenituri inkwetati għaliex hemm periklu għat tfal biex imorru l-iskola għaliex ma fihjiex bankina. Il-Kunsill iddiskuta u ammetta però tant hi dejqa t-triq li huwa impossibbli issir bankina.

16.4.2 Is-Sur Mifsud qal li kellmuh mil-Ministeru tas-Said u biedja u qalulu sabiex ninduvidwaw postijiet fejn jistgħu jitħawwlu xi siġar taċ-ċawsli u tut. Il-Kunsill qabel li ser jerġa jitkellem dwarha fil-laqgħa li jmiss.

16.4.3 Is-Sur Mifsud fakkar sabiex nieħdu ħsieb il-culverts hekk kif riesqa x-xita. Is-Segretarju qallu li diġà saru però jerġgħu isiru wara l-ewwel xita.

16.4.4 Is-Sur Mifsud qal li il-planters ta' fejn il-Joe Joes kollha qed imutu. Is-Sindku qallu li qed jissaqqu però qisu xorta qed imutu.

16.4.5 Is-Sur Mifsud qal li għandu ilmenti li l-ħajt tas-sejjiegħ il-ġdid qiegħed jilleakja l-ilma minnu meta tkun ix-xita u forsi nkellmu l-Infrastruttura Malta sabiex jindirizzaw il-problema.

16.4.6 Is-Sur Mifsud qal li bħalissa għandna problema ta' ġrieden speċjalment max-Xatt kif ukoll Triq l-Ispnott u plots vojta. Is-Sindku qal li kellimni l-Environmental Health sabiex jindirizzaw il-problema.

16.4.7 Is-Sa. Borg qalet li l-privat ma bediex f'Settembru imma ser jibda f'Ottubru minħabba impenji oħra li kellha. Hi qalet li dawn il-klassijiet huma miftuħa għal kulħadd u li hi taghmilhom b'xejn volontarjament. Avviż ser jitqassam l-iskola u fuq facebook.

16.4.8 Is-Sa. Borg xtaqset tirringrazzja lil Fr. Keith Scicluna talli tagħna l-użu tas-sala għal meta kellna l-barranin kif ukoll tal-working classes. Xtaqet tirringrazzja wkoll lil kull min hen speċjalment lil anzjani talli jipparteċipaw u jikkooperaw.

16.4.9 Is-Sa. Borg staqsiet dwar il-festa tradizzjonali ta' San Martin jekk hux ser terġa ssir sabiex nibdew nippjanaw. Il-Kunsill qabel li terġa ssir bħas-snin l-oħra billi nqassmu l-boroż lit-tfal wara li ssir attività kif ukoll li mmorru ħarġa għal familja kollha il-baħrija biex nassistu għal festa tradizzjonali ta' San Martin.

16.4.10 Is-Sa. Borg staqsiet jekk jistgħux jinżabru s-siġar taż-żebbuġ ta' fejn il-knisja kif ukoll l-oleander ta' Triq l-iskola. Is-Sindku qallha ser indaħħluhom max-xogħol li jmiss.

16.4.11 Is-Sa. Borg qalet li hemm il-ħajt tas-sejjiegħ ta' Triql-iskola jinsab perikoluż u ta' min jieħu ħsiebu. Is-Sindku qal li ser jipprova jsib u jkellem lis-sid.

16.4.12 Is-Sa. Borg qalet li minkejja intbgħatu ittri bieb bieb fi Triq Santa Tereża l-problema tal-iskart xorta baqet. Doris kompliet u qalet li hi lest tmur tħabbat bieb bieb u tara għaliex mhux jikkooperaw.

16.4.16 Is-Sur Raymond Duncan qal li hemm għatu tal-ħadid ta' xi kaxxa tad-dawl max-Xatt int u sejjer lejn Smart City mhux diċenti jinsab kollu msaddad. Is-Segretarju qal li dak sar minħabba d-dawl dekorattiv tax-xatt mil-Public Works u ser jara jistgħux jibdluh.

16.4.16 Is-Sur Duncan qal li dwar il-gate tal-Kunsill, li tinsab perikoluża, huwa għaddiha lil Membri parlamentari sabiex tkun mistoqsija fil-parlament.

16.4.17 Is-Sur Duncan staqsa dwar il-laqgħa ma' Ta' Barkat u s-Segretarju qallu li l-laqgħa ġiet proposta li ssir *online.* Il-Kunsill qabel li nerġgħu nibgħatu li nippreferi fl-uffiċċju milli *online.*

16.4.18 Is-Sa. Buttigieg staqsiet meta ser isir ix-xogħol biex innaqqsu biċċa mil-ħamrija ta' madwar il-monument tal-Ħelsien. Is-Sindku qallha li għadu ma bediex ix-xogħol fuqha.

16.4.19 Is-Sa. Buttiġieg qalet li hemm sprall imniżżel fi Triq San Ġakbu tajjeb li nieħdu ħsiebu.

16.4.20 Is-Sa. Buttigieg qalet li tkellmet ma' Project Green dwar pjanti u fjuri sabiex jitħawwlu fil-belveder.

16.4.21 Is-Sa Buttigieg qalet li l-istages hemm bżonn induruwhom għaliex qed jidħol l-ilma minnhom. Is-Sindku qal li ser nerġgħu nitiolbu laqgħa ma' Faces sabiex naraw kif ser nipproċedu.

**16.5 Item Nru. 16.5 fuq l-Aġenda – Rapporti**

16.5.1 Ma kienx hemm rapporti oħra

**16.6 Item Nru. 16.7 fuq l-Aġenda - Items oħra ta' Xogħol ieħor tal-Kunsill Lokali li jkunu meħtieġa;**

16.6.1 Ma kienx hemm xogħol ieħor.

**16.7 Item Nru. 16.7 fuq l-Aġenda – Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iskeda ta' pagamenti;**

16.7.1 Pagamenti b'numru 15 ġew approvati unanimament.

**16.8 Item Nru. 16.8 fuq l-Aġenda – Mozzjonijiet;**

16.8.1 Ma kienx hemm mozzjonijiet bil-miktub.

**16.9 Item Nru. 9. fuq l-Aġenda – Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss**

16.9.1 Il-laqgħa intemmet fis-7.30pm u ġiet aġġornata għal nhar it-Tnejn 27 ta' Ottubru fl-5pm.

_________________________

Ranier Busuttil
Segretarju Eżekuttiv

_________________________

Neil Attard
Sindku

Kunsill Lokali Xgħajra – Xgħajra Local Council
Delle Grazie Battery
Triq Dwardu Ellul
Xgħajra XJR161610 – Malta
Tel: 2161632616
E-Mail xghajra.lc@gov.mt